Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Giovanni M Grixti LL.M., LL.D

Appell Nru. 111/2016

Seduta tad-19 ta' Dicembru, 2016

Il-Pulizija

vs

Edward Cachia

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellant, Edward Cachia, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 79781M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fix-xahar t'Awwissu, 2015, f'dawn il-Gzejjer naqas li jaghti lil Romina Camilleri, is-somma ta' €400, ffissata minn dik il-Qorti jew stipulata fil-kuntratt bhala manteniment ghal uliedu fi zmien hmistax-il jum minn dak il-jum li fih, skond l-ordni jew dak il-kuntratt kellha tithallas is-somma.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tad-29 ta' Frar, 2016 li biha sabet lill-appellant Edward Cachia hati w ikkundannatu ghal xahar detenzjoni;

Rat ir-rikors tal-appell ta' Edward Cachia, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fl-4 ta' Marzu, 2016, li permezz tieghu talab lil din il-Qorti joghgobha thassar, tirrevoka u tannulla s-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fl-ismijiet il-Pulizija vs Edward Cachia deciza nhar id-disgha u ghoxrin (29) ta' Frar 2016 u konsegewentement tillibera lill-appellanti minn kull imputazzjoni u htija u fin-nuqqas tikkonferma s-sentenza appellata fejn sabet lill-appellanti hati u tirrevoka l-piena inflitta u minflok tinfliggi piena iktar idonea u inqas harxa li tirrispekkja l-kaz in ezami.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Semghet ix-xhieda;

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat:

1. Illi fis-seduta tal-lum, l-appellant irtira l-ewwel aggravju tieghu u b'hekk jifdal li jkun deciz l-aggravju dwar il-piena kominata mill-ewwel Qorti fuq il-gravami li hija wahda esagerata. Fis-seduta tal-lum, xehedet il-parte civile u ddikjarat ilil fil-mori thallset dik is-somma lilha dovuta;
2. Issa ghalkemm mhux normali li din il-Qorti bhala Qorti ta' Appell Kriminali tiddisturba d-diskrezzjoni tal-ewwel Qorti kwantu l-piena erogata, madanakollu l-iskop tal-legislatur kif espress fl-artikolu 338(z) tal-Kodici Kriminali intlahaq proprju bid-dikjarazzjoni ta' hlas tal-ammont kollu dovut;
3. Ghal dawn il-motivi, u f'dawn ic-cirkostanzi, filwaqt illi tastjeni mili tihu konjizzjoni tat-talba ghar-revoka tas-sentenza appellata, tilqa' l-appell kwantu dan jikkoncerna l-piena u ghalhekk tghazel illi

tirriforma s-sentenza appellata billi filwaqt illi tikkonfermaha f'dik il-parti li biha sabet lill-appellant hati tirrevokaha f'dik il-parti fejn ikkundannatu ghal-terminu ta' xahar detenzjoni u minflok tikkundannah ghal-piena ta' hamsa u ghoxrin euro (€25) ammenda.